# Armida Barellli



| | |
|---|---|
| 1 ta’ Diċembru 1882 | Titwieled f’Milan, f’familja numeruża. |
| 1895-1908 | Tistudja f’kulleġġ fl-Iżvizzera fejn titgħallem kif tiltaqa’ ma’ Alla, tagħrfu u tħobbu. Fir-ritorn lura f’Milan tirrifjuta proposti ta’ żwieġ u timpenja ruħha fil-volontarjat favur il-fqar u l-imwarrba tas-soċjetà. |
| 1917 | Taħdem fuq l-inizzjattiva tal-konsagrazzjoni tas-suldati lill-Qalb Imqaddsa ta’ Ġesù. |
| 17 ta’ Frar 1918 | Twaqqaf il-Gioventù Femminile di Azione Cattolica f’Milan fuq stedina tal-Arċisqof, il-Kardinal Ferrari. |
| 28 ta’ Settembru 1918 | Tiġi nominata milll-Papa Benedittu XV bħala President Nazzjonali tal-Gioventù Femminile li hi tippromwovi fl-Italja kollha. |
| 15 ta’ Novembru 1919 | Twaqqaf flimkien ma’ Patri Gemelli l-Istitut Sekolari tal-Missjunarji tar-Regalità ta’ Kristu, familja ta’ lajċi nisa kkonssagrati lil Alla. |
| 7 ta’ Diċembru 1921 | Tiġi inawgurata l-Università Cattolica del Sacro Cuore f’Milan. Armida tkun membru tal-kumitat għall-promozzjoni u l-bidu ta’ din l-Università bħala teżoriera. |
| 17 ta’ Settembru 1923 | Jibda fiċ-Ċina l-Istitut Benedittu XV li minnu toħroġ il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb Imqaddsa ta’ Ġesù li għadha ħajja sal-lum. Armida tħeġġeġ lis-soċji tal-GF sabiex isostnu din il-missjoni. |
| 1927-1929 | Torganizza l-Opra tar-Regalità ta’ Sidna Ġesù Kristu għat-tixrid ta’ spiritwalita’ ċċentrata fuq il-Liturġija u fuq Kristu.. |
| 1946 | Tiġi nnominata minn Papa Piju XII Viċi President Ġenerali tal-Azzjoni Kattolika Taljana. |
| 1949 | Tolqotha l-marda tal-paraliżi bulbari li hi tgħix b’fidi u li toffri b’mod partikolari għat-twettiq tal-ħolma tal-Fakultà tal-Mediċina, li llum hi l-Policlinico Gemelli ta’ Ruma. |
| 15 ta’ Awwissu 1952 | Tmut f’Marzio fi sbieħ il-jum tal-Assunta. |
| 1 ta’ Ġunju 2007 | Tiġi dikjarata Venerabbli. |
| 30 ta’ April 2022 | Tiġi beatifikata f’Milan |

Imwielda f'familja numerużа tal-klassi medja hi tiġi mibgħuta tistudja f'boarding school fl-Iżvizzera kif kien normali li jsir mill-familji tal-klassi tagħha. Il-ġenituri tagħha kienu tista' tgħid indifferenti għar-reliġjon u għalhekk fil-familja ma ngħatatx edukazzjoni li tirrigwarda l-fidi. Mingħandhom hi tgħallmet il-valur tax-xogħol u tal-imħabba lejn il-pajjiż. Hu fl-iskola tas-sorijiet li hi tiltaqa' ma' Alla. Hawnhekk Armida tapprofondixxi s-sens reliġjuż u jkun hemm diversi figuri li hi tiltaqa' magħhom u li jgħinuha, fosthom Santa Elizabetta tal-Ungerija. Hu wkoll f'din l-iskola li tibda d-devozzjoni ta' Armida lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù wara li waħda minn sħabha ssemmilha "imħabba li ma tgħaddix".





Lura f'Milan bħal kull żgħażuha oħra, hi tinteressa ruħha fil-moda ta' dak iż-żmien però tirrifjuta proposti taż-żwieġ u minflok tibda tiddedika lilha nnifisha lejn l-abbandunati u t-tfal il-foqra, bil-għajnuna ta' ħabibitha Rita Tonoli li ftit wara twaqqaf istitut iddedikat għall-għajnuna lil dawn it-tfal. Kienet ħabibitha li laqqgħatha ma' Patri Agostino Gemelli, tabib li kien għadu kemm ikkonverta u daħal fl-ordni Franġiskana. Armida xtaqet tiltaqa' ma' dan il-Patri minħabba li kienet inkwetata għal ħutha subien li ma kinux jgħixu ħajja ta' fidi. Il-laqgħa ma' Patri Agostino Gemelli timmarka l-bidu ta' kollaborazzjoni li ddum matul ħajjitha kollha. Il-frott ta' din il-kollaborazzjoni huma: l-Azzjoni Kattolika għat-tfajliet (*Gioventù Femminile di Azione Cattolica*), l-Istitut Sekolari tal-Missjunarji tar-Regalità ta' Kristu (*Istituto Secolare Missionarie della Regalità*), l-Università Kattolika tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù (*Università Cattolica del Sacro Cuore*), u l-Opra tar-Regalità ta' Sidna Ġesù Kristu (*Opera della Regalità di Nostro Signore Gesù Cristo*).

Fl-1918 hi twaqqaf f'Milan il-Gioventù Femminile di Azione Cattolica (GF) - l-Azzjoni Kattolika għat-tfajliet. Hi tkun imsejħa għal din il-ħidma mill-Kardinal Ferrari, l-Arċisqof tad-djoċesi ta' Milan, li fid-dawl tal-propaganda Marksista jara l-urġenza tal-formazzjoni tat-tfajliet hekk kif dik għall-ġuvintur kienet diġà organizzata. Kienet ix-xewqa tiegħu li t-tfajliet ikollhom formazzjoni li tgħinhom jgħixu ħajja ta' xhieda tal-magħmudija li rċevew. Armida kienet diġà magħrufa għall-ħiliet organizzattivi tagħha però għall-bidu tirrifjuta għax **tħossha inadegwata** u mhux preparata għal dan ir-rwol peress illi kien jinvolvi li hi titkellem quddiem in-nies. Wara li tinnota l-urġenza tas-sitwazzjoni minħabba ċertu avvenimenti fis-soċjetà tagħha, hi taċċetta. Flimkien ma' grupp ta' tfajliet, nisa u diretturi spiritwali, hi **tagħti forma** lill-assoċċjazzjoni. Il-membri tal-gruppi fil-parroċċi ta' Milan jibdew isaħħu l-formazzjoni Nisranija tagħhom u jkunu mħarrġa fuq is-sitwazzjoni soċjali ta' żmienhom.



L-esperjenza pożittiva ta' Milan tqanqal lill-Papa Benedittu XV sabiex jafdalha l-istess missjoni fid-djoċesijiet kollha tal-Italja. Mill-ġdid Armida tkun trid tirrifjuta dan ir-rwol, però għar-reżistenza tagħha, l-Papa jgħidilha li l-missjoni tagħha hi l-Italja. Hu jibgħatha "mhux bħal għalliema qalb l-istudenti, iżda bħal oħt qalb l-aħwa" sabiex **it-tfajliet jagħrfu jsiru iktar konxji tal-identità Nisranija tagħhom u jerġgħu jiskopru d-dinjità tagħhom bħala nisa**. Din il-missjoni Armida fl-aħħar tilqagħha u ssir "l-oħt il-kbira" ta' ħafna tfaljiet fl-Italja kollha hekk kif il-GF tlaħħaq iktar minn miljun soċja.

Qegħdin proprju fl-1918 meta Armida tibda l-ewwel tour tagħha tal-peniżula Taljana biex issejjaħ u tinkoraġġixxi lit-tfajliet u dawn **iwieġbu b'entużjażmu**. Hi tipproponilhom mixja diffiċli u eżiġenti: li jmorru kontra l-kurrent grazzi għall-impenn personali tal-formazzjoni u tal-ħajja fi ħdan grupp. Din il-formazzjoni fil-gruppi kienet tibbaża fuq l-Ewkaristija, l-Appostolat u l-Eroiżmu; dawn huma tliet kelmiet u prinċipji li mmarkaw il-ħajja ta' bosta tfajliet.

Fl-1919 flimkien ma' Patri Gemelli, twaqqaf l-Istitut Sekolari tal-Missjunarji tar-Regalità ta' Kristu, li hi tkun tagħmel parti minnu bħala Terzjarja Franġiskana, u 'l quddiem l-Opra tar-Regalità ta' Sidna Ġesù Kristu għat-tixrid tat-tagħlim liturġiku. Fl-1921 kienet parti mill-grupp fundaturi tal-Università Kattolika tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù f'Milan (*Università Cattolica del Sacro Cuore*). Kienet hi li kellha l-konvinzjoni soda li tiddedika din l-Università lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Hi tat is-sehem tagħha għall-bidu ta' din l-Università bħala teżoriera bl-impenn li torganizza fundraisers għall-kawża.



**F'dawn is-snin hi tkompli bil-ħafna inizzjattivi billi torganizza konferenzi, pellegrinaġġi, ġimgħat soċjali b'tema formattiva, kif ukoll tagħmel attivitajiet b'risq il-missjonijiet.** Armida tipparteċipa f'kungressi internazzjonali tal-GF u dejjem tkun miftuħa biex tilqa' esperjenzi ġodda minn pajjiżi differenti li jistgħu jiġu użati fir-realtà Taljana. F'dawn is-snin fl-Italja kiber ukoll il-moviment faxxista li waqqaf għal diversi snin ċerti assoċċjazzjonijiet organizzati, fosthom il-GF. Armida anke f'din is-sitwazzjoni ma beżgħetx titkellem hekk kif hi kienet tikkunsidra dan ir-regime inkompatibbli mal-formazzjoni tal-GF. Hi twissi li l-vjolenza u l-mibgħeda ma kienux se jwasslu għall-paċi fis-soċjetà. Hl baqgħet taħdem sabiex fis-soċjetà ċivili jkun hemm il-presenza Kristjana. Meta r-regime sfaxxa, hi għamlet xogħol siewi biex tintegra n-nisa fil-ħajja politika hekk kif kienu se jeżerċitaw id-dritt tal-vot għall-ewwel darba fl-1946. Fis-snin ta' wara uħud min-nisa li ħadu l-formazzjoni tagħhom fil-GF jkunu wkoll eletti bħala sindki u rappreżentanti.

**Il-ftuħ tagħha lejn id-dinja ta' madwarha, dak li llum insejħu s-sinjal taż-żminijiet, hu straordinarju minħabba li joħroġ mill-ħajja mistika tagħha li tgħinha taħtaf il-potenzjal tal-fidi u missjoni fi ħdan il-Knisja.** Is-sapport tal-GF għall-Istitut Benedittu XV fiċ-Ċina kien deċiżiv u konkret u ta l-bidu għall-kongregazzjoni tas-sorijiet li għadha preżenti sal-lum. L-ispiritwalità tagħha, fundamentalment Franġiskana, hi mogħnija bid-diversi spiritwalitajiet preżenti fl-Azzjoni Kattolika u li bħala tali, hija mitmugħa mill-magħmudija, komuni għall-fidili kollha. Dan jispjega kif mill-GF ħarġu ħafna tipi differenti ta' vokazzjonijiet reliġjużi u kif is-soċji kienu jqisu ż-żwieġ bħala vokazzjoni awtentika.

Armida tmut fil-15 ta' Awwissu tal-1952 f'Marzio, fl-Italja. Wara, hi tkun midfuna fil-kappella tal-Università Kattolika f'Milan. Hi tiġi ddikjarata Venerabbli fl-1 ta' Ġunju tal-2007 mill-Papa

Benedittu XVI. Fit-30 ta' April tal-2022 f'Milan, hi tiġi ddikkjarata Beata wara li l-Papa Franġisku awtorizza l-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin sabiex tippromulga d-Digriet li jirrkonoxxi miraklu li seħħ bl-interċessjoni tagħha. Dan il-miraklu jirrigwardja fejqan inspjegabbli ta' mara li sfat imtajra minn karozza u kienet rikoverata fl-isptar f'qagħda kritika. Familtha talbet b'mod partikolari lil Armida Barelli għall-fejqan ta' din il-mara li b'mod xjentifikament inspjegabbli rkuprat mingħajr ebda konsegwenzi.

Armida kienet mara li għexet żmien ta' bidliet soċjali kbar u ħadet sehem f'dan iż-żmien ta' bidla billi ma żammitx lura mill-impenn u azzjoni meħtieġa. Il-ħafna ħidmiet li hi kkolaborat fihom ma ħallewx biss impatt momentarju iżda wasslu għat-tiġdid tal-kultura Taljana u għall-ftuħ ta' toroq ġodda għall-mara. F'Armida jispikkaw **l-intensità tal-ħajja spiritwali kif ukoll il-ħidma organizzattiva bla qies** tagħha u minħabba dawn iż-żewġ aspetti, il-frott, taż-żrieragħ li żergħet hi, għadu jinħasad sal-lum. Hi għaqqdet flimkien il-perspettivi ta' Marta u Marija – tax-xogħol u tal-kontemplazzjoni. Kellha fiduċja sħiħa fiż-żgħażagħ u kienet tħeġġiġhom mhux biss fil-formazzjoni u devozzjoni iżda wkoll fl-impenn tagħhom biex ma jibżgħux jidħlu għal rwolijiet u responsabiltajiet fi ħdan l-għaqda u għas-servizz tas-soċjetà kollha. Armida tat kontribut kemm fil-Knisja kif ukoll fis-soċjetà u antiċipat ir-rwol tal-lajċi li ġie kkonfermat fil-Konċilju Vatikan II u iktar tard bl-Eżortazzjoni Appostolika Christifideles Laici. Il-beatifikazzjoni tagħha tagħtina l-okkażjoni li nsiru nafu iktar mill-qrib ix-xhieda tagħha u nħalluha tqawwilna qalbna sabiex aħna stess inkunu nistgħu ngħixu ż-żmien tagħna, li bħal kull żmien ieħor jitlobna nkunu protagonisti, ferrieħa u kuraġġjużi.



“Għall-moħħ li jistqasi <Kif se tagħmel biex twaqqaf il-*Gioventù femminile* fl-Italja kollha?>, il-qalb kienet twieġeb: <Ma nafx, imma nafda fil-Qalb ta’ Ġesù.>”

“O Ġesù, dak li għandi, dak li jien, hawn hu. L-attività kollha tiegħi ħudha f’tiegħek u agħmel biha l-opra tal-glorja tiegħek.”

“Flimkien ’il quddiem għal Ġesù. Kollha flimkien, professuri u dawk li ma jafux jaqraw u jiktbu, aristokratiċi u bdiewa, studenti u ħaddiema, għalliema u impjegati, nisa tad-dar u dawk li jaħdmu fl-artiġjanat, aħna lkoll familja Kristjana waħda, sabiħa, kbira.”

“Naċċetta l-mewt, li jkun irid il-Mulej, bi sħubija sħiħa mar-rieda divina.”

“Tkunux sodisfatti biss b’li tkunu s-soċji fietla tal-Azzjoni Kattolika, tkunux sodisfatti lanqas b’li tkunu nies twajba: irridkom appostli, appostli li tħobbu u tagħmlu lill-Mulej maħbub!”

“Kunu għada n-nisa u l-ommijiet Kristjani kapaċi jiffurmaw familji li fihom Ġesù jkun kemm is-Sultan kif ukoll il-Ħabib, it-triq u l-ħajja; kunu, jekk isejħilkom Alla għall-kunvent jew għall-appostolat fid-dinja, l-ommijiet spiritwali taċ-ċkejknin, tal-fqar, tad-dgħajfa, tal-injoranti, tal-batuti, tal-imdejjqin.“

“Il-ħajja hi tassew qasira ħuti! Għixuha tajjeb, għixuha għal Dak li waħdu jixraqlu u waħdu jista’ jagħtikom l-hena ta’ dejjem.”

“Aħdmu bla heda, imma fuq kollox, ħobbu, ħobbu, ħobbu!”

“Għal dawk li se jaqraw dawn il-paġni nixtieq inħalli t-talisman ta’ ħajti: *Il-fiduċja fil-Qalb Imqaddsa*.
Iva afdaw fih dejjem,
fis-sigħat ta’ hena biex tkunu sinċiera u ma tiżvijawx,
fis-sigħat ta’ diqa biex ma ċċedux,
fid-diffikultajiet biex tegħlbuhom,
fil-mument ta’ provi biex tagħtuhom valur,
fix-xogħol biex twettquh b’mod sopranaturali,
fl-għażla tal-istat biex tagħrfu u tagħmlu r-rieda ta’ Alla,
f’kull kontinġenza tal-ħajja, biex dejjem tgħixu fi stat ta’ Grazzja,
u li tkunu fil-Grazzja fis-siegħa tal-mewt, meta jrid Hu, li tkun ħelwa fuq Qalbu.”